MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

## MAGISTRAT DR. MICHAEL MALLIA

Seduta tas-7 ta' April, 2005

Rikors Numru. 1033/1997/1

Dr. Emmanuel George Cefai L.L.D.
vs
Onorevoli Priministru ta' Malta, Il-Ministru ta' l-Ambjent u l-Awtorita` ta' l-Ippjanar u b'digriet tal-21 ta' Ottubru 2004 gie korrett ghal Awtorita` Maltija ghall-Ambjent u Ippjanar u b'digriet tal-25 ta' Jannar 2000 gie kjamat fil-kawza d-Direttur Generali tax-Xogholijiet

Illum 7 ta' April 2005

It-Tribunal

**RIKORS:**
Ra r-rikors pprezentat fis-27 ta' Novembru 1997 fejn wara li r-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u precizament fiz-zmien ossija zminijiet taht indikati huwa sofra ingustizzja billi gie mcahhad minn permessi tal-bini bi pregudizzju ghalih kif ukoll bi zvantagg serju u gravi ghalih.

Illi l-fatti li taw lok ghal dan il-kaz kienu:

Illi huwa s-sid ta parti tat-terren msejjah ‘tal-Wieri’ sive ‘ta’ Sdieri’ fit-Triq Sdieri Gharb Ghawdex muri l-intier ta’ l-istess terran fuq il-pjanta taht riferita u annessa mal-prezenti rikors u markata Dokument ‘B’.

Illi dan it-terren ghandu faccata fuq it-triq pubblika, huwa servut bis-servizzi kollha mehtiega u jikkwalifika ghall-bini edilizju.

Illi fis-sena 1989 kienet saret talba mill-Gvern ta’ dak iz-zmien sabiex sidien li jkollhom terreni li jixtiequ li jinkludu fl-izvilupp jaghmlu hekk.

Illi kienu hargu pjanti provizorji biex wara li jkunu saru sottomissjonijiet mill-pubbliku lill-Kumitat Selettiv tal-Kamra tar-Rapprezentanti jsiru l-inkluzjonijiet relattiv fi Skema finali li kellha tigi approvata mill-istess Kumitat Selettiv u wara mill-Parlament.

Inoltri fl-istess rahal saru inkluzjonijiet lil terzi persuni f’ terran ta’ valur tekniku identiku ghal tar-rikorrent filwaqt li fit-terran tar-rikorrent ma saritx estensjoni. B’rizultat t’hekk it-terran tar-rikorrent gie ingustament mholli barra mill-izvilupp u invece l-permessi u estensjonijiet relattivi inghataw lil terzi.

Illi minkejja illi r-rikorrent kien ghamel id-debiti sottomissjonijiet tieghu w indika wkoll kif kellha ssir l-inkluzjoni relattiva ma’ l-iskema tat-terran tieghu lill-Awtoritajiet koncernati ta’ dak iz-zmien - xorta wahda huwa thalla barra b’mod arbitrarju w ingust u minghajr ma qatt inghata l-ebda raguni jew spjegazzjoni.

Illi effettivament kull ma jrid jaghmel ir-rikorrent huwa li jibni fit-terran tieghu billi jestendi ma’ massa ta’ bini li diga` nbniet bil-permessi tal-bini fl-istess area. Fil-fatt dawn il-binjiet ilkoll ghandhom faccata fuq Triq is-Sdieri kif ukoll faccata fuq triq ossija “access way” gdida li taghti ghall-istess Triq Sdieri u r-rikorrent issa jrid jkompli jibni fuq in-naha ta’ wara ta’ dan il-bini din l-area hija ndikata bhala

TLKY u b' kulur roza fuq il-pjanta Dokument 'C' taht riferita b'mod li l-bini ta' wara li r-rikorrent jrid jaghmel jkun estensjoni naturali u retroposta ghall-bini pre-esistenti fl-istess terran.
Illi sabiex juri l-bini diga` ezistenti kemm fuq Triq is-Sdieri kif ukoll fuq it-triq gdida ossia "access way off" Triq is-Sdieri huwa qed jannetti kopji ta' ritratti markati Dokumenti 'D' u 'E' li juru dan kollu.

Illi dan kollu li jixtieq jaghmel ir-rikorrent mhux biss estremament possibbli imma fil-fatt duranti l-Amministrazzjoni precedenti u cioe` bejn il-1987 u l-1992, effettivament sar ghax hekk riedet l-istess Amministrazzjoni - u dan billi tat permessi lil haddiehor biex jibni fl-istess sitwazzjoni bicca art kbira li fuqha nbnew hafna villel. Dan kollu huwa muri grafikament fil-pjanta li koja taghha qed tigi hawn annessa u markata 'Dokument C'.

Fil-fatt f' dan il-kaz kien hemm bini diga` ezistenti mat-triq principali [bhal fil-kaz tal-bini ma' triq Sdieri] kif ukoll ma sqaq li kien jaghti ghall-bicca raba' [markata ERTP] u indikata b' kulur blu fuq l-anness Dokument 'C'] u retroposta ghall-bini fuq it-triq principali.

F'dan il-kaz taht l-amministrazzjoni precedenti saret l-inkluzjoni ta' l-area ERTP ghall-bini li llum huwa mibni b' hafna villel kbar u lussuzi kif fuq inghad kif jidher ahjar mir-ritratt hawn anness u markat Dokument 'H'.

Izda ghall-area TLKY - l-area li fih ghandu nteressi r-rikorrent - sar trattament divers mill-area ERTP.

Ghaliex hawnhekk l-Amministrazzjoni precedenti milli jidher deherilha illi l-area TLKY li fiha ghandu interessi r-rikorrent ma kellhiex tkun inkluza kollha fl-izvilupp bhal ma gara fil-kaz ta' l-area ERTP.

Illi r-rikorrent issottometta li huwa sewwa li t-terzi msemmija f'dan ir-rikors gew moghtija l-permessi tal-bini ghaliex s-sit taghhom jisthoqqlu tali zvilupp. Li r-rikorrent

b’ gustizzja jilmenta huwa li ma nhargulux permessi tal-bini bhal dawn it-terzi.
Illi r-rikorrent ghandu l-interess kollu li jassigura li l-propjeta` tieghu tkun bl-istess valur ta’ terzi li gew inkluzi fl-izvilupp biex b’ hekk ma jkunx fi kwalsiasi zvantagg di fronte ta’ dawn it-terzi.

Illi l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar anki permezz ta’ l-Istructure Plan prezenti ghandha l-ghodda kollha biex din is-sitwazzjoni ta’ ingustizzja gravi tigi rimedjata billi johorgu permessi “inter alia” ai termini tal-policy SET 12 ta’ l-istess Pjan ta’ Struttura, u sussegwentament l-istess Awtorita` ta’ l-Ippjanar ghandha bl-inkluzjoni tat-terran tar-rikorrent fil-Pjan Lokali relattiv tkompli ssahhah u tassigura l-permessi relattivi. Hekk is-sitwazzjoni ta’ ingustizzja gravi sofferta mir-rikorrent tkun b’xi mod rimedjata.

Illi ghaldaqstant ir-rikorrent kellu jaghmel ir-rikors odjern u jaddivieni ghall-prezenti Tribunal sabiex minghandu jottjeni dik il-gustizzja li kienet giet lilu negata precedentement.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta’ kull xhud il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant huwa talab lil dan it-Tribunal sabiex jisma’ u jaqta’ dan l-ilment skond l-Att ta’ l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ l-Ingustizzji billi:

a.jordna lill-Awtorita` ta’ l-Ippjanar u/jew minn min mill-konvenuti l-ohra sabiex provizorjament u minghajr pregudizzju ghad-drittijiet tar-rikorrent tibda biex tohrog permessi ghall-izvilupp urban ai termini tal-Policy prezenti SET 12 tal-Pjan ta’ Struttura.

b.jordna lill-Awtorita` ta’ l-Ippjanar u/jew minn min mill-konvenuti l-ohra sabiex provizorjament u minghhajr pregudizzju ghad-drittijiet tar-rikorrent minnufih tohrog permessi minnha individwalment mitluba fuq l-istess

terran in virtu` ta’ kwalsiasi policy ohra prezentement vigenti fil-Pjan ta’ Struttura u

c. jordna lill-Awtorita` ta’ l-Ippjanar u/jew minn min mill-konvenuti l-ohra sabiex tinkludi ghall-izvilupp u fl-iskema tal-bini t-terran tar-rikorrent mal-hrug tal- Local Plan relattiv ghall-istess post u kif rikjest mill-istess rikorrent.

Dan kollu minghajr pregudizzju ghal kull dritt ta’ kumpens spettanti lir-rikorrent skond il-ligi.

Ra l-lista tax-xhieda u dokumenti tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta ta’ l-intimat l-Onorevoli PrimMinistru u tal-Ministru ta’ l-Affarijiet Barranin u ta’ l-Ambjent fejn wiegbu :-

Illi huma mhumiex il-legittimi kontraditturi f’ din il-kawza stante illi huma ma ghandhom x’ jaqsmu xejn ma’ l-ipprocessar u mad-decizjonijiet finali li jittiehdu dwar il-hrug jew iz-zamma ta’ permessi ta’ bini, u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Ra r-risposta ta’ l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar fejn wiegbet:-

Illi l-istess Awtorita` ta’ l-Ippjanar ghandha tigi liberata mill-osservanza ta’ dan ir-rikors stante li ma ghamlet ebda ingustizzja versu l-istess rikorrent;

Illi minghajr pregudizzju permessi li nhargu fl-area indikati mill-PAPB huma kollha “within zone”, waqt li l-propjeta` tar-rikorrent huma barra z-zona ta’ l-izvilupp;

Illi l-ilment principali jidher li l-istess rikorrent jippretendi li l-area tieghu tigi inkluza “within zone” mhux skond il-procedura stabbilita` mil-ligi, izda bi dritt;

Illi l-istess talbiet tar-rikorrent ma jistghux jintlaqghu ghar-ragunijiet fuq premessi kif ukoll abbazi ta’ l-Att I ta’ l-1992, li tistabilixxi kif wiehed jista’ japplika quddiem l-Awtorita`

ta’ l-Ippjanar ghall-permessi bid-drittijiet ta’ ogezzjonijiet minn terzi.

Illi ghar-rigward it-talba biex jigu nkluzi terrani ta’ l-applikant fil-Pjanijiet Lokali, l-istess procedura kif din tista’ ssir, inkluza b’konsultazzjonijiet pubblici, tista’ biss ssir skond l-artikoli 23 sa 29 ta’ l-Att ta’ l-1992.

Ghaldaqstant ghandhom jigu michuda, it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjez.

Ra l-lista tax-xhieda ta’ l-intimat.

Ra d-digriet tieghu tal-25 ta’ Jannar 2000 fejn ordna l-kjamat fil-kawza tad-Direttur Generali tax-Xogholijiet.

Ra r-risposta tal-kjamat in kawza fejn wiegeb:

Illi l-ilment tar-rikorrent mhiex fuq applikazzjoni ghaz-zvilupp mal-PAPB jew mal-Awtorita’ tal-Ippjanar. L-ilment hija dwar talba tieghu biex art tigi konsidrata ghall-izvillupp fun qinvit ghall-konsultazzjoni pubblika sabiex jigi mhejji il-Pjan tal-Istruttura.

**1.** Illi dak li qieghed jigi mitlub mir-rikorrent ma jistax jigi akkolt mill-eccipjent skond il-ligi u konsegwentement l-eccipjent ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

**2.** Illi l-eccipjent m’ghamel l-ebda ingustizzja versu r-rikorrent u ghal din ir-raguni wkoll huwa ghandu jigi liberat mill-osservanza.

**3.** Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, ir-rikorrent ma sofra l-ebda ingustizzja. Dawk il-permess li nhargu mill-PAPB fl-areas indikati mir-rikorrent, kienu kollha within the zone waqt li l-propjeta li qieghed jilmenta dwarha r-rikorrent hija barra miz-zona tal-izvilupp.

**4.** Illi mhuwiex legalment possibli li dan it-Tribunal jordna li l-area tar-rikorrent titqies bhala within the zone u inoltre tali decizjoni ma tispettax lil dan it-Tribunal taht l-Artiklu 6 tal-Att 8 tal-1997. Hija decizjoni rizervata ghall-Parlament.

**5.** Illi fil-meritu jekk ir-rikorrent jippretendi li l-art tieghu tigi munita b'permess tal-bini dan l-ezercizzju ghandu jsir skond il-ligijiet u l-policies tal-lum. Huwa ghandu jirregola ruhu skond l-Att tal-1992 billi jaghmel applikazzjoni idoneja u jhallas id-drittijiet relattivi u l-kaz jigi processat skond il-ligi. Hadd m'hu qed jzommu milli jaghmel hekk. F'kaz li dan it-Tribunal jhoss li ghandu l-poter li jidhol fil-meritu tal-hrug o meno tal-permess taz-zvillupp jigi sottomess li t-talba m'ghadha tigi michuda billi:-

**(i)** L-art hija barra miz-zona ghall-Izvilupp

**(ii)** R-rikorrent mhux full time farmer u ma jahdimx aktar minn 20 Tomna raba'.

**(iii)** L-izvilupp fih aktar minn 140m2 footprint.

**(iv)** L-applikazzjoni ma tikkwalifikax taht policies fil-paragrafu 7.6 u SET11 u BEN2 u BEN5.

**(v)** L-applikazzjoni tmur kontra l-policies RCO2,3 u 4 u PLP20.

**(vi)** L-applikazzjoni tippregudika l-Local Plans.

**6.** Inoltre fir-rigward tat-talba tieghu sabiex it-terran in-kwistjoni jigi inkluz fil-local plans l-att 1 tal-1992 jirregola kif ghandha ssir il-procedura relattiva u hawn ukoll dan il-process jesorbita mill-gurisdizzjoni. Hadd m'hu qed jcahhad lir-rikorrent milli javalla ruhu minn xi drittijiet li jista jkollu taht dan l-Att. Certament dan it-Tribunal m'ghandu l-poter li johrog l-Local Plans jew li jamendahom. L-hrug u revisjoni ta' Local Plan hija materja delikata hafna li tinvolvi studju profond u l-ligi stess tistipula procedura partikolari dwar kif u meta jistghu jsiru sottomissjonijiet. L-kuncett ta' town planning hija materja li tinvolvi hafna studju specjalizzati bhal ma huma:-

**(a)** L-impatt MACRO fuq l-art

**(b)** L-impatt MICRO fuq l-inhawi

**(c)** L-effett fuq il-poplu in generali u fuq in-nies fl-inhawi

**(d)** Is-servizzi li jigu necessitati bhal ma huma:-

**(i)** Toroq

**(ii)** Dawl

**(iii)** Ilma

**(iv)** Drenagg

**(v)** Telephone

**(e)** Id-densita taz-zvilupp u l-bzonnijiet kommunitarji bhal ma huma skejjel, playgrounds, ghasses, clinics, hwienet ecc.

Huwa ghalhekk li local plan jirrikjedi studju profond u jinvolvi hafna nies professjonali u specjalizzati. Minghajr l-ebda sinjal ta' disrispett lejn dan it-Tribunal, dan huwa form tal-LIGI u certament mhux il-forum adatt sabiex jsir dan l-ezercizzju.

**(7)** Illi effettivament dak li jitlob ir-rikorrent huwa li dan it-Tribunal jezercita l-poter li ex lege gie mholli ghall-Awtorita' tal-Ippjanar taht l-Att 1 tal-1992 u ma jistghax permezz ta' rikors prezenti jitlob li d-decizjoni mehuda mill-Parlament dwar l-ischemes tkun soggetta ghar-revizjoni jew sindikar ta' dan it-Tribunal liema ezercizzju f'kull kaz huwa vjetat taht l-Artiklu 5(3)(a) u Parti A tal-Ewwel Skeda ta' l-Att VIII tal-1997.

Ra l-lista tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra s-sentenza tieghu in parte ta' l-10 ta' Lulju 2001 fejn idderima l-kwistjoni tal-gurisdizzjoni u ddecieda li fejn jidhol il-bord tal-permessi dwar il-pjan regolatur hu l-Ministru tax-Xogholijiet responsabbli u kkonferma l-prezenza fil-kawza l-Awtorita ta' l-Ippjanar peress illi jekk it-talba tigi milqugha l-Awtorita` xorta tkun involuta.

Ikkunsidra

Irrizulta mill-provi illi r-rikorrent huwa propjetarju ta' bicca art maghrufa bhala tal-Wieri sive ta' l-Isdieri fi Triq Sdieri, Gharb Ghawdex. L-ilmenti tieghu huma principalment tnejn. Wahda illi dan is-sit thalla barra miz-zona ta' l-izvilupp mill-amministrazzjoni ta' dak iz-zmien u, li hu ma inghatax permessi fejn haddiehor inghata. Spjega l-pozizzjoni tal-art bi pjanta illi hija esebita mar-rikors promotur.

Rigward l-ewwel ilment it-Tribunal jaghmel referenza ghax-xhieda tal-Perit Godwin Cassar (fol 86). Il-Perit spjega kif l-iskemi johorgu bl-approvazzjoni tal-Parlament

u tistieden lil pubbliku sabiex jaghmlu s-sottomissjonijiet sabiex jitolbu illi l-propjetajiet taghhom ikunu inkorporati fl-iskema. Irrizulta illi r-rikorrent ghamel din is-sottomissjoni izda t-talba tieghu ma gietx milqugha. L-iskema giet ifinalizzata kif ahjar tidher fil-pjanta esebita minn Joe Farrugia a fol 155 tal-process. Ghalhekk it-Tribunal ma jara xejn arbitriju f'din id-decizjoni illi kienet mehuda mill-istituzzjoni suprema tal-pajjiz illi fuqha zgur it-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni.

Fin-nota tieghu pero` r-rikorrent qieghed jargumenta li t-Tribunal ghandu gurisdizzjoni u kkwota in sostenn ta' l-argument tieghu l-Artikolu 6 1e ta' l-Att VII ta' l-1997 fejn hi delinejata l-gurisdizzjoni tat-Tribunal li ghandu s-setgha jisma' u jaqta' dwar kull ilment miktub li jsir minn persuna li tallega li tkun garrbet ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita u saret lista minn (a) sa (d) tac-cirkostanzi li fihom it-Tribunal jista' jiehu konjuzzjoni. Fl-ahhar hemm is-subinciz (e) li jghid "kull xi haga ohra li tista' tigi approvata b'rizoluzzjoni tal-kamra tad-Deputati." Ir-rikorrent qieghed jargumenta illi t-Tribunal ghandu gurisdizzjoni biex jissindika kwalunkwe rizoluzzjoni li tohrog mill-Kamra tad-Deputati.

Bir-rispett it-Tribunal ma jaqbel xejn ma dan l-argument u hija interpretazzjoni ghal kollox zbaljata ghal vera tifsira tas-subinciz (e). Hija l-fehma assodata tat-Tribunal li dan is-subinciz qieghed hemmhekk biex jaghti l-fakulta lill-Kamra tad-Deputati b'semplici rizoluzzjoni li zzid il-lista ma dawk diga msemmija minn subinciz (a) sa subinciz (d), imma zgur li ma tfissirx li t-Tribunal ghandu l-poter jissindika kwalunkwe rizoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati. Ghalhekk f'dan il-kuntest l-argument tar-rikorrent ma jreggix.

Rigward it-tieni lment irrizulta illi r-rikorrent ghamel applikazzjoni b'data 28 ta' Awissu 1991 numru 3190/91 ghal bini ta' tnax –il flat fil-limiti taz-zona ta' l-izvilupp fl-Gharb. Irrizulta illi l-art hija parti fiz-zona u parti le peress illi l-parti l-kbira kienet barra miz-zona u l-kostruzzjoni ta' dawn il-flats kienet se tincidi fuq bicca art barra miz-zona, l-applikazzjoni tieghu giet approvata in parti u minn talba

ghal tnax –il flat giet ridotta ghal erba’ flats biex tinkwadra fil-limiti taz-zona ta’ l-izvilupp. Dan il-permess inghata fl-14 ta’ Awissu 1992. Ir-rikorrent ghazel li ma jaghmel l-ebda zvilupp u minflok intavola din il-kawza fejn allega diskriminazzjoni u talab illi jinhareg l-permess relattiv fuq l-art kollha. Dan jippretendih bi dritt minkejja dak li r-regolamenti jew il-ligijiet jippermettu. Fl-affidavit tieghu a fol 57 jghid testwalment “illi jiena urejt lill-awtoritajiet b’mod formali preskritt mir-regolamenti ta’ dak iz-zmien li ridt li johorgu l-permessi tal-bini fuq art in kwistjoni.” (sotto linear tat-Tribunal)

Din it-tendenza hija manifesta tul il-process kollu b’xhieda irrelevanti basta tghaddi tar-rikorrent u imgieba mhux xierqa u arroganti waqt is-smiegh tas-seduti.

Peress illi x-xhieda mismugha f’din il-kawza taghmel stat fil-konfront tar-rikors numru 1025/97 deciz illum, it-Tribunal jaghmel referenza ghal konsiderazzjoni tax-xhieda migjuba f’dik il-kawza, specjalment ix-xhieda tal-Perit Michael Falzon, tal-Perit Joe Scalpello, tal-Perit Godwin Cassar, ta’ Joe Farrugia u Victor Borg Fiorentino. F’din il-kawza bhal ma ghamel fil-kawza l-ohra, r-rikorrent allega diskriminazzjoni fejn haddiehor inghata permess ghal kostruzzjoni barra z-zona ta’ zvilupp u lilu le.

It-Tribunal hawnhekk jaghmel referenza ghax-xhieda ta’ Joe Farrugia a fol 223 tal-process fejn ta’ rendikont tal-permessi mahruga barra z-zona ta’ zvilupp kif jidher fil-pjanta a fol 155 u r-ragunijiet il-ghala inghataw dawk il-permessi. It-Tribunal jirikonoxxi li c-cirkostanzi msemmija f’din ix-xhieda hija ferm differenti mic-cirkostanzi li jippretendi favur tieghu r-rikorrent. it-Tribunal lest li jirikonoxxi illi r-rikorrent minbarra li ghandu d-dritt ghal izvilupp ta’ dik il-parti li qeghda fid-development zone ghandu dritt ukoll ghal estensjoni ta’ parti zghira li qeghda barra z-zona ta’ l-izvilupp. Kif qal Victor Borg Fiorentino a fol 185 “jista’ jkun li s-sit tad-developing area testendi xi ftit l-isfel…” Ikkalkula li l-parti li qeghda fid-developing area bejn wiehed u iehor tikkomprendi 12% ta’ l-art kollha illi ghandu r-rikorrent. Dan huwa konferma ma dak illi qal Joe Farrugia a fol 237 fejn qal li setghu johorgu permessi

ta’ siti “partly within scheme u partly ODZ” basta ma kienx aktar minn 12 square canes miz-zona ta’ l-izvilupp. Fil-kaz tar-rikorrent il-parti li kienet ODZ kienet aktar minn 12 square canes. Ghalhekk kellu jirriduci s-sit biex jinkwadra f’dan il-parametru, izda hu qatt ma ried.

It-Tribunal ma jistax jinjora l-fatt illi l-local plan ghadha mhijiex definittiva u l-Awtorita intimata ghadha fil-process illi tifinalizza l-local plan. Ghalhekk f’dan l-istadju zgur li r-rikorrent ghadu ma esplorax ir-rimedji kollha moghtija lilu mil-ligi, pero fis-sitwazzjoni li kienet tezisti fl-1991 meta applika l-permess, ir-rifjut tal-parti l-kbira ta’ l-applikazzjoni li kienet barra z-zona ta’ l-izvilupp kien wiehed gustifikat u r-rikorrent ma jistax jilmenta minn diskriminazzjoni meta tikkonsidra l-estenzjoni tat-territorju barra miz-zona ta’ l-izvilupp ma l-koncessjonijiet zghar illi naghtaw lil haddiehor illi kien ukoll barra miz-zona ta’ l-izvilupp pero jmiss ma l-iskema. Ghal bqija t-Tribunal jaghmel referenza ghal argumenti migjuba minnu fir-rikors numru 1025/97 u b’mod generali r-rikorsi l-ohra tar-rikorrent numri 1028/97, 1029/97, 1030/97 il-ghala t-talba tar-rikorrent f’dan l-istadju m’ghandhiex tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi li jichad it-talbiet tar-rikorrent. Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------